MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Numru 338/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**ANTHONY BEZZINA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Anthony Bezzina ta' 51 sena, bin il-mejjet Xandru u Mikelina nee' Zarb, imwieled Ghajn Tuffieha l/o San Pawl il-Bahar fil-27 t'Awissu 1952, li joqghod Ta' Jose Flats, Flat No. 2, Triq is-Simar, Xemxija. Detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 655852M.

Billi huwa akkuzat talli

1. fid-19 ta' Novembru 2003 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn LM390.00 ghad-dannu ta' Noel Portelli u l-istabiliment Francis Portello Wines & Spirits;
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. u aktar talli fid-19 ta' Awissu 2003 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel tiwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn LM120.00 ghad-dannu ta' Stephen Gravino u l-istabiliment Honey Corner;
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

3. u aktar talli, fl-istess perjodu, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li kien, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti gejjin mir-reat ta' serq.
(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

4. Zieda awtorizzata b'Digriet moghti llum 21 ta' Gunju, 2004 fis-sens illi wara t-tielet akkuza ghandha tizdied is-segwenti akkuza: "(4) u aktar talli fit-30 ta' Dicembru, 2003 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq

iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn LM700.00 ghad-dannu ta' Alex Mercieca u l-istabiliment Bath Time:
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

B'hekk Anthony Bezzina, sar recidiv a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' l-Appell, u mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigi mibdula;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l- Avukat Generali esebit bhala Dok. IJA3 u nnutat li l-imputat Anthony Bezzina m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.
Innutat li fis- Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li b'referenza ghat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjes a tenur tal-imsemmi artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 308, 309, 310, 334, 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Anthony Bezzina, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imsemmi imputat Anthony Bezzina ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija.

Finalment fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum b'referenza ghat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------